MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1079/2004

**JB Stores Limited**

**Vs**

**Adrian Borg**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta' Lm1369.40 (elf tlett mija u disgha u sittin lira Maltin u erbghin centezmu) dovuti ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru prezentat kontestwalment u bl-interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' riduzzjoni prezentata fit-28 ta' Gunju 2004.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fil-31 ta' Mejju 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew pprezentati fit-28 ta' Gunju 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici limitatament ghas-somma ta' Lm500 bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------